

# SAN ĠUŻEPP TA' ĦAL GĦAXAQ IRRESTAWRAT U KKONSERVAT



F'din is-sena tant speċjali għall-Ġużeppini kollha ta' madwar id-dinja, wara li l-Papa Franġisku ddikjara din is-sena bħala s-sena internazzjonali Ġużeppina, il-parroċċa ta' Ħal Għaxaq ħadet ħsieb tibda bl-akbar ċelebrazzjoni possibbli meta fl-aħħar tax-xahar li għadda ġie inawgurat ir-restawr u l-konservazzjoni tal-istatwa artistika u devota ta' San Ġużepp.

Din l-istatwa għandha kważi 90 sena u kienet ġiet ikkummissjonata wara li nħasset il-ħtieġa li tinbidel l-istatwa antika ta' San Ġużepp li għadha sal-lum tinżamm b'tant għożża fis-sede tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp tal-lokal. Dak iż-żmien inbeda proċess ta' konsultazzjoni bejn is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp u l-Fratellanza ta' San Ġużepp tal-istess raħal u permezz ta' rikors kien ġie deċiż li l-istatwa antika tinbidel ma' statwa oħra maħduma fl-injam.

Din kienet ġiet ikkummissjonata lill-kumpanja Fratelli Bertarelli ta' Milan. Fit-30 ta' Novembru tal-1932 l-istatwa waslet f'Ħal Għaxaq, u ġiet irregalata lill-Fratellanza Ġużeppina mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp għall-parroċċa ta' Ħal Għaxaq. Din l-istatwa devota u artistika ħarġet proċessjonalment mill-Knisja tal-Għaxqin fis-7 ta' Mejju 1933, fl-okkażjoni tal-festa li kienet issir ta' kull sena fir-raħal.

Matul dawn l-aħħar snin inħasset il-ħtieġa li din l-istatwa devota ta' mħabba bejn il-missier u l-iben isirilha intervent ta' restawr u għalhekk il-kumitat tas-soċjetà Mużikali San Ġużepp flimkien mal-fratellanza Ġużeppina qablu u ħadmu fuq proġett biex din l-istatwa tkun kompluta minn kollox.

Fl-2008 ġew imżanżna l-bradella u l-bankun ta' din l-istatwa, fuq disinn li kien sar 75 sena qabel minn Carmelo Tonna li kien għamel ukoll id-disinn tal-pedestall. Sena wara sar il-bankun u erba' forċini ġodda biex jikkumplimentaw il-bradella. Wara, fl-2010, sar ir-restawr tal-gastri u nbidel ukoll il-ganutell tal-fjuretti minħabba l-ħsara li kellhom. Sitt snin wara kienet ġiet imżanżna l-girlanda l-ġdida ta' fuq il-pedestall maħduma bil-ganutell, wara li nbidlet ma' dik li kien hemm.

Wara kien imiss ir-restawr tal-istatwa u l-pedestall u fl-2018 il-Kavallier Michael Camilleri Cauchi flimkien ma' ibnu Adonai ġew avviċinati mill-kumitat tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp biex isir rapport fuq ir-restawr u x'għandu jsir lill-istatwa u l-pedestall.

Inħareġ ir-rikors tal-Kurja biex ikun jista' jinbeda x-xogħol minn dawn l-artisti u, f'Settembru tal-2019, il-vara ħalliet ir-raħal fi triqtha lejn il-gżira Għawdxija, dritt għall-bottega tal-artist Michael Camilleri Cauchi u ibnu Adonai. Ix-xogħol tar-restawr u l-induratura l-ġdida tal-pedestall ġie kkummissjonat lil Mario Camilleri Cauchi, flimkien ma' wliedu Rueben u Austin.

Kollox kien ippreparat għall-festi tas-sena li għaddiet fl-okkażjoni tal-150 sena mid-dikjarazzjoni li San Ġużepp ġie maħtur Patrun tal-Knisja Universali. Meta sfortunatament tħassar kollox minħabba l-pandemija, il-kumitat tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp baqa' jistinka biex l-istatwa jkollha inawgurazzjoni dinjituża.

Fl-okkażjoni tas-sena internazzjonali ddedikata lil San Ġużepp, il-kumitat ħataf l-okkażjoni u ħadem flimkien mas-Soċjetà Leone tar-Rabat Għawdex u l-Monsinjur Arċidjaknu u Monsinjur Arċipriet tal-Katidral ta' Għawdex biex l-istatwa tiġi inawgurata bi privileġġ fil-Knisja Katidrali ddedikata lill-Assunta fil-Belt Victoria.

F'din iċ-ċelebrazzjoni li saret fit-23 ta' Jannar, ġiet esegwita akkademja mużikali msejħa "B'Qalb ta' Missier" mill-Banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Reno Busuttil bis-sehem tal-Kor Cappella Musicale Caeciliana u s-sehem tal-Baritonu Alfred Camilleri u s-Sopran Connie Frances Zerafa.

Fl-istess serata ġiet inawgurata l-istatwa mill-President tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp Marvic Abela u l-Kapillan ta' Ħal Għaxaq il-Kanonku Andrew Schembri. L-għada l-Ħadd 24 ta' Jannar, saret quddiesa solenni mill-Kapitlu tal-Katidral flimkien mal-Kappillan ta' Ħal Għaxaq, u wara dan, l-istatwa ta' San Ġużepp tfaċċat fil-bieb prinċipali tal-Katidral ta' Għawdex, merfugħa mill-fratelli Ġużeppini Għaxqin u milqugħa mill-Banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq biex taqbad triqtha lura lejn ir-raħal ta' Ħal Għaxaq. F'dan il-mument inħaraq ukoll salut minn fuq l-għolja ta' Gelmus taħt is-superviżjoni ta' Vampa Organisations.

Matul dan kollu kienu osservati r-regolamenti li ħarġet is-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika minħabba l-pandemija.

F'Ħal Għaxaq, l-istatwa ta' San Ġużepp ġiet armata għall-festa fuq il-bradella u l-bankun tagħha u fl-okkażjoni tas-sena Ġużeppina, inżammet ġimgħa għall-qima tal-pubbliku. Iċ-ċelebrazzjonijiet waslu fi tmiemhom f'quddiesa solenni ċċelebrata mill-Kappillan tal-lokal, flimkien mal-kleru tal-parroċċa u l-Arċipriet tal-Katidral ta' Għawdex Mons. Joseph Sultana. Għal din il-quddiesa attenda wkoll il-President tar-Repubblika Dr George Vella.

"Matul dawn l-aħħar snin inħasset il-ħtieġa li din l-istatwa devota ta' mħabba bejn il-missier u l-iben isirilha intervent ta' restawr u għalhekk il-kumitat tas-soċjetà Mużikali San Ġużepp flimkien mal-fratellanza Ġużeppina qablu u ħadmu fuq proġett biex din l-istatwa tkun kompluta minn kollox







